MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 1105/2007

APS Bank Ltd
vs
Giuseppe Rubino u Spira Rubino

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta’ Giuseppe Rubino li bih espona:

Illi huwa ghadu kif gie sar jaf illi fuq talba tal-bank APS Bank Ltd (C 2192) inhareg mandat ta’ qbid esekuttiv fl-10 ta’ Ottubru 2007 (Dok A).

Illi dan il-mandat gie ezegwit fuq mobbli li jinstabu fil-fond Nadan Flats, Flat 9, Depiro Street, Sliema. In effetti kopja tar-referta tal-marixall giet esebita bhala Dok B.

Illi kif jirrizulta mill-kuntratt anness mar-rikors (Dok C), b’kuntratt datat 30 ta’ April 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Casingena, il-fond in kwistjoni kien gie trasferit lir-

rikorrenti. Bhala firmatarju fuq dan il-kuntratt kien deher ukoll il-Bank of Valletta p.l.c. illi kien ikkancella l-ipoteki li kellu fuq il-proprjeta` in kwistjoni.

Illi ghalhekk, stante li l-proprjeta` in kwistjoni llum mhix proprjeta` tal-kreditur izda tar-rikorrenti, l-ezekuzzjoni tal-mandat de quo fuq il-mobbli in kwistjoni hija irritwali.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab li din il-Qorti jogghobha tordna li l-mandat ta’ qbid jigi mhassar parzjalment skond l-artikolu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fis-sens illi tordna li dan ma kellux jigi ezegwit fuq mobbli fil-fond Nadan Flats, Flat 9, Depiro Street, Sliema u konsegwentement tiddikjara li l-mobbli elenkati fid-dokument B m’ghandhomx jigu effettwati iktar bil-mandat fl-ismijiet premessi, u dan taht il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimata socjeta` APS Bank Ltd li biha esponiet:

Illi s-socjeta` APS Bank Ltd talbet ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Qbid kontra Giuseppe u Spira Rubino in esekuzzjoni ta’ sentenza fl-istess ismijiet premessi moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Mejju 2005 (Citazz. Nru. 103/05FS).

Illi dan il-mandat gie ezegwit fuq mobbli li jinsabu fil-fond Nadan Flats, Flat 9, Depiro Street, Sliema.

Illi d-debituri Giuseppe u Spira Rubino talbu lil din il-Qorti thassar parzjalment l-imsemmi mandat ta’ Qbid Esekuttiv fis-sens li tordna li l-istess Mandat ma kellux jigi ezegwit fuq mobbli fil-fond Nadan Flats, Flat 9, Depiro Street, Sliema, u dan peress illi l-istess debituri ttrasferew l-imsemmi fond lill-binhom Roberto Rubino u martu Giulia Campanile permezz ta’ kuntratt ta’ xiri u bejgh fl-atti tan-Nutar Reuben Casingena tat-30 ta’ April 2003.

Illi mill-imsemmi kuntratt ta’ trasferiment fl-atti tan-Nutar Reuben Casingena tat-30 ta’ April 2003, ma jirrizulta bl-

ebda mod illi d-debituri ttrasferew ukoll il-mobbli li jinsabu fil-fond Nadan Flats, Flat 9, Depiro Street, Sliema, u ghalhekk in difett ta’ prova kuntrarja kellu jigi prezunt illi l-msemmija mobbli ghadhom proprjeta` ta’ l-istess debituri Giuseppe u Spira konjugi Rubino. Dan huwa konfortat mill-fatt illi l-istess Giuseppe u Spira konjugi Rubino ghadhom sallum jghixu fl-imsemmi fond bhala r-residenza taghhom.

Ghaldaqstant in vista tal-premess is-socjeta` APS Bank Ltd talbet lil din l-Qorti tichad it-talba tad-debituri u tikkonferma li l-oggetti maqbuda u elenkati fin-nota tal-marixxall ghandhom jibqghu effetwati bil-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv Nru 1105/07FS.

Bl-ispejjez kontra d-debituri Giuseppe u Spira konjugi Rubino.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Riferibbilment ghar-revoka ta’ Mandat Ezekuttiv il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Alf Mizzi & Sons Marketing Ltd vs Joseph Pace**, deciza fit-23 ta’ Gunju 2005 mill-Prim’Awla presjeduta mill-Onor. Imh. Dr. Tonio Mallia:

Giet sollevata l-irritwalita’ tal-procedura wzata.

“Illi din il-Qorti, fil-fatt, tqies li l-procedura adoperata mhix dik idonea. L-artikolu 283A invokat jikontempla talba minn intimat f’mandat esekuttiv biex ihassar il-mandat ghal raguni valida fil-ligi. F’dan il-kaz, ma hemm xejn irregolari fil-hrug tal-mandat, u l-ilment huwa dirett lejn l-esekuzzjoni tal-mandat mhux il-hrug tieghu. Jekk, kif qed jigi allegat, gew elevati oggetti li ma jappartjeniex lid-debitur, dan ma jwassalx ghan-nullita’ jew ghat-thassir tal-mandat, izda se mai ghar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat in kwantu gew elevati l-oggetti in kwistjoni. L-interess guridiku biex tigi

promossa tali azzjoni jappartjeni lit-terz allegat proprjetarju u mhux lid-debitur. Fil-fatt, f'kaz li jigi allegat li oggetti elevati mhumiex tad-debitur izda ta' terzi, il-gurisprudenza trid illi:

(i) il-kawza issir mit-terzi li qed jallega li l-oggetti elevati huma tieghu,

(ii) li l-kawza issir kontra l-kreditur u d-debitur, u

(iii) li l-kawza issir ghar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat in kwantu gew elevati l-oggetti tat-terzi.

(Ara "Formosa vs Grech", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Mejju, 1979; "Spiteri vs Perry", decisa min din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 1994, u "Tolio vs Komarzynic", decisa wkoll min din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1999).

Il-procedura adoperata mir-rikorrenti hi, ghalhekk, ghal-kollox irritwali u t-talba ma tistax tigi kkunsidrata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara l-istess bhala irrita u nulla, u tillibera lis-socjeta' intimata mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mir-rikorrenti."

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ir-rikors odjern sar minn Giuseppe Rubino li skond il-kuntratt a fol 10 jirrizulta bhala l-venditur. Huwa Roberto Rubino, ibnu, li huwa l-***purchaser*** u li allura akkwista l-proprjeta` in kwistjoni u li kien hu ghalhekk li messu intavola l-proceduri.

Ghall-motivi msemmija tichad it-talba.

Spejjez kontra Giuseppe Rubino.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------